MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 1798/2005

**Talba Nru: 1798/2005VGD**

Herman Von Brockdorff.

Vs

Michael Attard.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ elf, mitejn u sitta u tletin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm1,236.73) rapprezentanti danni sofferti mill-attur fil-magna tal-bahar BMW D636, konsegwenza ta’ ‘pipe’ difettuz li gie mmanifatturat minnu u akkwistat minghandu. Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta’ dan l-Avviz, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi t-talba attrici kif dedotta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li l-konvenut

issupplixxa lill-attur pajp identiku ghall-kampjun muri lilu u dana meta l-attur la kien specifika l-uzu u lanqas il-lok li ghalih u li fih kellu jintuza dan il-pajp, kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza. Bl-ispejjes kontra l-attur ingunt ghas-subizzjoni.

Sema' x-xhieda tal-attur Herman Von Brockdorff.

Sema' x-xhieda ta' Vincent Bonnici prodott mill-attur.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Xuereb prodott mill-attur.

Sema' x-xhieda ta' Nicholas Bellizzi prodott mill-attur.

Sema' x-xhieda ta' Vincent Micallef prodott mill-attur.

Ra l-affidavit tal-konvenut Michael Attard.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, t-Tribunal ghandu s-segwenti osservazzjonijiet x'jaghmel. Fl-ewwel lok, ma jidhirx illi hemm xi kontestazzjoni dwar il-kawza tad-danni li sofra l-attur fil-magna tad-dghajsa tieghu, u dan fis-sens illi l-attur spjega illi d-danni graw fid-dghajsa tieghu peress illi l-pajp taz-zejt kien spara minhabba pressjoni qawwija, u l-magna kienet intliet zejt. Minn-naha tieghu, l-konvenut, alavolja ma jaccetta l-ebda responsabbilta' ghal dak li gara, u dan kif ser jigi spjegat izjed l-isfel, jikkonferma illi l-pajp li l-attur xtara minghandu zgur ma kienx pajp li suppost jintuza f'magna bhal dik ta' l-attur. Ghalhekk, il-kontestazzjoni hawnhekk mhijiex jekk id-danni sehhewx jew le, izda r-raguni ghalfejn graw.

Illi t-Tribunal jirrileva li gew esebiti diversi ritratti f'diversi stadji tal-kawza, u alavolja dawn ir-ritratti suppost kollha qedin juru l-pajp in kwistjoni, l-ebda ritratt ma juri l-istess tip ta' pajp.  Ghal din ir-raguni, huwa necessarju ghat-Tribunal li jifli sew ix-xhieda tal-partijiet koncernati sabiex jipprova jasal ghall-konkluzzjoni dwar kif suppost kelllu jkun dan il-pajp.

Illi hareg car li kien l-attur stess li mar ghand il-konvenut sabiex jixtri l-pajp li kellu bzonn ghall-magna tieghu.  L-attur ma kien akkompanjat minn haddiehor meta mar jixtri dan il-pajp.  Kif xehed izjed minn darba l-attur, huwa kien ha mieghu l-pajp l-antik li kellu, u talab lill-konvenut sabiex jaghmillu wiehed identiku ghal dan.  Dan ukoll gie konfermat mill-konvenut fis-sens illi huwa jghid illi l-attur ha pajp ghandu u talbu sabiex ilestilu wiehed ezatt bhalu.

Ma hemm l-ebda qbil bejn il-partijiet dwar jekk l-attur kienx spjega jew le lill-konvenut ghaliex ried dan il-pajp.  Filwaqt illi l-attur jghid illi kien spjega lill-konvenut ghal x'hiex ried il-pajp, il-konvenut jghid illi l-attur sempliciment hadlu pajp u talab wiehed ezatt bhalu minghajr ma qallu ezattament ghal liema magna kellu bzonnu u minghajr ma tah l-ispecifications tal-magna in kwistjoni.  Fill-fatt, il-konvenut stess, fl-affidavit tieghu jirrileva li meta eventwalment sar jaf x'kienu l-ispecifications tal-magna, u meta sar jaf ghalfejn l-attur ried dan il-pajp, huwa hemmhekk mill-ewwel induna li l-pajp li kien talbu ma kienx wiehed adegwat jew idoneju ghal uzu tieghu.

It-Tribunal jirrileva pero, illi gjaladarba l-attur ha l-pajp antik li kellu ghand il-konvenut u talbu jaghmillu wiehed identiku, jsegwi li l-konvenut hekk ghamel, u cioe lestilu wiehed identiku ghal dak li kellu, ghaliex kieku, l-attur ma kienx ser ikun kuntent jekk il-konvenut tah xi pajp differenti.  Il-partijiet mhumiex qedin jikkontestaw il-fatt li l-pajp li l-konvenut biegh lill-attur kien identiku ghal dak li l-attur kien tah.   Ghalhekk jirrizulta li l-attur kien kuntent bil-pajp li ghamillu l-konvenut u li kien identiku ghal dak li kien tah, tant hu hekk li hadu mieghu sabiex jinstallah fuq id-dghajsa tieghu.

Illi t-Tribunal josserva wkoll illi dan il-pajp gie installat mill-attur stess, u mhux minn xi hadd espert fil-materja ta' magni tal-bahar. L-attur xehed illi huwa kien imdorri jaghti servizz lid-dghajsa tieghu, fis-sens illi kien ibiddel iz-zejt u ibiddel il-filters. Madanakollu, l-magna tad-dghajsa tal-attur kienet ghadha kif harget minn 'overhaul' kbira li saret ghand il-mechanic tieghu, u ghalhekk wiehed irid bilfors isaqsi kif fl-ahhar ta' din il-bicca xoghol, l-attur ghazel li jbiddel u jwahhal pajp (li mill-provi rrizulta li huwa parti kemm xejn krucjali ghall-magna in kwistjoni) hu stess minghajr l-ghajnuna jew parir ta' xi hadd espert fil-materja.

Illi in sostenn tat-talba tieghu, l-attur pproduca 'inspection report' tal-Inginier Nicholas Bellizzi. Madanakollu, dan ir-rapport huwa bbazat kompletament fuq informazzjoni li l-Inginier inghata mill-attur, u mhux li sar jaf 'di scienza propria'. Ghalhekk dan ir-rapport ma jista' jitfa' l-ebda dwal fuq il-fatti li verament graw u li jistghu jigu kkonfermati minn terzi persuni indipendenti, esperti fil-materja.

Dan iwassal biex ihalli dubbji serji f'mohh it-Tribunal, jekk dak li sehh setghax gara minhabba xi nuqqasijiet jew tortijiet imputabbli lill-attur meta mar iwahhal il-pajp fil-magna tad-dghajsa tieghu. Apparti minn hekk, it-Tribunal mhuwiex konvint li dak li sehh, gara minhabba xi nuqqas da parti tal-konvenut li wara kollox jidher illi l-obbligi tieghu kollha gew osservati, fis-sens illi huwa intalab oggett preciz, u dak l-oggett ikkonsenjah lill-attur.

Illi huwa principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna illi min ifittex ghad-danni irid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandha konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti (Kollezz. Vol. XXX pIII p. 142). Sabiex tirrizulta responsabbilta' ghall-hsara, irid ikun hemm ness ta' kawza u effett, u dan in-ness kellu jigi ppruvat mill-vittma tal-hsara, u cioe l-attur f'dan il-kaz. It-Tribunal jaqbel mas-sottomissjonijiet tad-difensur tal-konvenut fis-sens illi dan in-ness ma giex ippruvat u ghalhekk ma jista' jitfa' ebda responsabbilita' jew htija fuq il-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut w konsegwentement jichad it-talba tal-attur. L-ispejjes kollha ta’ din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------